# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tmintax(18) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 284/15 FDP**

**Quantum Partners Limtied (C 51975)**

**vs**

**Dr Joseph Mizzi bhala Kuratur Deputat appuntat b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2015 tas-socjeta Ice & Flame Limited (C 46190)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Settembru 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, hames mija u tlieta u sebghin Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€10,573.29) rapprezentanti prezz ta' diversi servizzi, inkluz ta' accountancy, booking, back office u amministrazzjoni, rezi lis-socjeta intimata kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz inkluz dawk tal-Mandat ta
Sekwestru u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi fid 19 ta' Ottubru 2015 gie appuntat Dr Joseph Mizzi bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta s-socjeta.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta intimata fit 23 ta' Ottubru 2015 (fol 20 tergo).

Rat ir-risposta ta' Dr Joseph Mizzi ppresentata fis 16 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' Ivan Cini, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, mogthija fil 15 ta' Frar 2016, fejn ikkonferma illi d-dejn ghadu dovut u ma thallasx.

Ra illi Dr Mizzi gharraf lill-Qorti illi ma ghandhux provi stante illi hadd ma kkomunika mieghu.

Il-Qorti, ghalhekk, wara li semghet lir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti jikkonferma illi d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, hames mija u tlieta u sebghin Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€10,573.29) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**